

II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Jannar 2009

li temenda r-Regolament (KE) Nru 752/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda l-Iskema tal-IMO ta' Numru tal-Identifikazzjoni Uniku għall-Kumpaniji u s-Sidien Irreġistrati

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 148)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/83/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) u (2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 adotta miżuri adegwati fil-qasam tal-politika tat-trasport marittimu li jistabbilixxu standards konġunti għall-interpretazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ fi ħdan il-Komunità tal-emendi għall-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Sigurtà [Sikurezza] tal-Ħajja fuq il-Baħar, 1974 (il-Konvenzjoni SOLAS) u l-Kodiċi Internazzjonali dwar is-Sigurtà tal-Bastimenti u l-Faċilitajiet tal-Portijiet (il-Kodiċi ISPS) adottati mill-Konferenza Diplomatika tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) fit-12 ta' Diċembru 2002.
- (2) Ir-rekwiżiti li jsawru l-Parti A tal-Kodiċi ISPS, li kienu saru obbligatorji skont il-Kapitolu XI-2 tal-Anness għall-Konvenzjoni SOLAS, kienu meħmuża bħala l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 725/2004.

- (3) Fl-20 ta' Mejju 2005, l-IMO adottat ir-Riżoluzzjoni MSC 196(80) li temenda l-Kodiċi ISPS fir-rigward tar-rekwiżiti obbligatorji dwar id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu XI-2 tal-Anness għall-Konvenzjoni SOLAS, li jsawru l-Parti A ta' dak il-Kodiċi. Għaldaqstant, il-verżjoni aġġornata tal-istrumenti internazzjonali applikabbli msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 għandha tinkludi l-emendi għall-Kodiċi ISPS.

- (4) L-emendi għall-Kodiċi ISPS huma adottati mill-IMO bħala miżura biex ittejjeb is-sikurezza marittima u l-protezzjoni tal-ambjent, kif ukoll biex tiffaċilita l-prevenzjoni tal-frodi marittima. Il-proċedura għall-kontroll tal-konformità stabbilita bl-Artikolu 10(5) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 ma għandhiex tapplika fir-rigward ta' bastimenti li joperaw servizzi domestiċi u tal-faċilitajiet tal-port li jaqduhom, minħabba li l-emendi għall-Kodiċi ISPS magħmula bir-Riżoluzzjoni MSC 196(80) jikkostitwixxu aġġornament tekniku tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ISPS.

- (5) Din il-proċedura għall-kontroll tal-konformità lanqas ma għandha tapplika għat-tbahir internazzjonali, għadarba, abbażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, m'hemmx riskju li emenda tali tbaxxi l-istandard tas-sikurezza marittima jew tkun inkompatibbli mal-leġiżlazzjoni tal-Komunità. Barra minn hekk, l-ebda Stat Membru ma talab lill-Kummissjoni biex tvara din il-proċedura, u l-Istati Membri lanqas ma esprimew xi nuqqas ta' qbil dwar li l-emendi għad-dispożizzjonijiet tal-Parti A tal-Kodiċi ISPS jiddaħħlu fl-istrumenti legali tal-Komunità safejn jirrigwardaw it-traffiku marittimu.

⁽¹⁾ ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6.

(6) L-Istati Membri kkonċernati vvutaw bl-unanimità/maġġoranza kwalifikata ⁽¹⁾ favur l-integrazzjoni tal-aġġornament tekniku tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ISPS rigward il-bastimenti fit-tifsira tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 u rigward il-kumpaniji tagħhom fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 725/2004.

għandhom japplikaw bis-sħiħ, sal-1 ta' Jannar 2009, l-emendi għad-dispożizzjonijiet tal-Appendiċi 1 u l-Appendiċi 2 għall-Parti A tal-Anness għall-Kodiċi ISPS kif adottati fl-20 ta' Mejju 2005 bir-Riżoluzzjoni MSC 196(80) tal-IMO.

Artikolu 3

(7) L-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 725/2004 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

Fir-rigward tat-trasport domestiku bil-baħar kif definit fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004, l-Istati Membri għandhom japplikaw bis-sħiħ, sal-1 ta' Jannar 2009, l-emendi għad-dispożizzjonijiet tal-Appendiċi 1 u l-Appendiċi 2 għall-Parti A tal-Anness għall-Kodiċi ISPS kif adottati fl-20 ta' Mejju 2005 bir-Riżoluzzjoni MSC 196(80) tal-IMO.

(8) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004,

Artikolu 4

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Artikolu 1

L-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 725/2004 huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussell, 23 ta' Jannar 2009.

Artikolu 2

Fir-rigward tat-trasport bil-baħar internazzjonali skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004, l-Istati Membri

Għall-Kummissjoni

Antonio TAJANI

Vċi President

⁽¹⁾ Skont l-eżitu tal-vot.

ANNESS

L-Appendiċi għall-Parti A tal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 725/2004 hija emendata kif ġej:

1. Fl-Appendiċi 1, "Ċertifikat Internazzjonali tas-Sigurtà tal-Vapuri", wara l-entrata eżistenti "L-isem u l-indirizz tal-Kumpanija", għandha tiddaħħal l-entrata li ġejja:

"Numru ta' identifikazzjoni tal-kumpanija"

2. Fl-Appendiċi 2, "Ċertifikat Internazzjonali Proviżorju tas-Sigurtà tal-Vapuri", wara l-entrata eżistenti "L-isem u l-indirizz tal-Kumpanija", għandha tiddaħħal l-entrata li ġejja:

"Numru ta' identifikazzjoni tal-kumpanija".